Verżjoni Elettronika

A.L. 192 tal-2024

ORDINANZA DWAR L-AVUKAT ĠENERALI
(KAP. 90)

ATT DWAR L-AVUKAT TAL-ISTAT
(KAP. 603)

Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Prosekuzzjoni ta' Reati (Dispożizzjonijiet Tranżitorji)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3(ċ) tal-Ordinanza dwar l-Avukat Ġenerali u bl-artikolu 1 tal-Att dwar l-Avukat tal-Istat, il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Prosekuzzjoni ta' Reati (Dispożizzjonijiet Tranżitorji) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqaraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Prosekuzzjoni ta' Reati (Dispożizzjonijiet Tranżitorji) hawn aktar 'il quddiem imsejħa ir-"regolamenti prinċipali".

L.S. 90.01.
L.S. 603.01.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2024.

Jemenda l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. L-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata b'dan li ġej:

(a) minnufih wara l-partita 1Ċ tagħha, għandha tiġi miżjuda din il-partita ġdida li ġejja:

"1D. L-Avukat Ġenerali għandu jkollu s-setgħa li jiddeċiedi jekk għandhiex tinbeda prosekuzzjoni jew le fil-kategoriji ta' reati li ġejjin meta l-akkużi għandhom jiġu ppreżentati fil-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali jew fil-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' inkjesta kriminali fl-1 ta' Ottubru 2024 jew wara:

(a) reati kontra l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, fejn l-Avukat Ġenerali ordna li r-reati jistgħu jitmexxew quddiem il-Qorti Kriminali jew il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali, sakemm ir-reat ma jaqax taħt il-ġurisdizzjoni oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati bħala

Kap. 31.

Verżjoni Elettronika

qorti ta' ġudikatura kriminali;

Kap. 101.

(b) reati kontra l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż meta l-Avukat Ġenerali ordna li r-reati jistgħu jitmexxew quddiem il-Qorti Kriminali jew il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali, sakemm ir-reat ma jaqax taħt il-ġurisdizzjoni oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali;

Kap. 373.

Kap. 101.
Kap. 31.

(ċ) reati ta' money laundering kif ipprovdut fl-artikolu 3 tal-Att kontra Money Laundering inkluż fejn dawk ir-reati jitmexxew flimkien ma' reati kontra l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż jew l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha;

(d) tentattivi ta' jew konspirazzjoni għall-għemil jew kompliċità fir-reati pprovduti fil-paragrafi (a), (b) u (ċ)."; u

(b) minnufih wara s-subpartita (4) tal-partita 3 tagħha għandha tiġi miżjuda din is-subpartita ġdida li ġejja:

"(5) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-partita 2, il-Pulizija Eżekuttiva ma għandhiex fl-1 ta' Ottubru 2024 jew wara tistitwixxi jew tmexxi xi prosekuzzjoni għar-reati elenkati fil-partita 1D fin-nuqqas ta' deċiżjoni ta' prosekuzzjoni li tkun ittieħdet mill-Avukat Ġenerali.".